22001D0145

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 145/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", partikolarment Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 131/2001 tat-23 ta' Novembru 2001 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/629/KE tad-9 ta' Ottubru 2000 li tapprova il-pjan ta' Franza għall-immonitorjar u konroll tas-salmonella fit-tajr ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni m'għandiex tapplika għall-Islanda u l-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi inserit wara l-punt numru 38 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/60/KE) fil-parti 7.2 ta' Kapitolu I ta' l-Anness I tal-ftehim taħt l-intestatura "ATTI LI L-ISTATI EFTA U L-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA EFTA GĦANDHOM JIKKUNSIDRAW':"

"39. **32000 D 0629**: Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/629/KE tad-9 ta' Ottubru 2000 li tapprova il-pjan ta' Franza għall-immonitorjar u konroll tas-salmonella fit-tajr (ĠU L 265, tad-19.10.2000, p. 29)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni 2000/629/KE fil-lingwa tan-Norveġja, li għandu jiġi ppublikat fil-parti supplimentari taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, jekk in-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 22, ta' l-24.1.2002, p. 15.
([2]) ĠU L 265, tad-19.10.2000, p. 29.
(*) L-ebda ħtiġijiet konsitituzzjonali m'huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-taqsima taż-ŻEE, u fil-parti supplimentari tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

B. GRYDELAND